**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A49/10

28 t' Ottubru 2010

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/49**

Il-laqgħa tal-Kunsill ser issir **il-Ħamis 4 ta' Novembru 2010, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Mozzjonijiet Nru: 5, Nru: 7 u Nru: 8
5. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
6. Diskussjoni dwar l-*audit*, l-*e-mails* skambjati u approvazzjoni tat-*Trial Balances, Quarterly Reports, Financial Statements* u l-*Cash Budget*
7. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-kwotazzjoni tat-tiżjin tad-dawl tal-Milied
8. Diskussjoni dwar *Tender GLC002/2010 – Mixed Household Waste*
9. Diskussjoni dwar problema ta' Riżorsi Umani
10. Affarijiet oħra
11. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Marion Monaco
D/Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

15 ta' Diċembru 2010

Ref Nru.Klg5/049

Minuti tal-laqgħa Nru Klg5/49 li saret il-Ħamis 4 ta' Novembru 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

**Preżenti**

Sitt membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech, Ian Micallef u Victor Rutter flimkien mad-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco u l-Assistant Prinċipal Fabian Borg

**Skużat**

Il-Kunsillier Malcolm Camilleri minħabba mpenn ieħor.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-28 t' Ottubru 2010.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa Klg5/49 ta' 4 ta' Novembru 2010 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2.** Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku.

## 2. Materji Konnessi

**2.1.** Paġna Nru: 2 para 2.1. Ir-*rubber speed moderator* kienet ser tiġi nstallata l-Ġimgħa 5 ta' Novembru 2010.

**2.2.** Paġna Nru: 3 para 3.6. – *Malta Wheelchair DanceSport Association*
Il-Viċi-Sindku ta rendikont tal-laqgħa li kellu mas-Sinjura Pippa Roberts dwar is-suġġett hawn fuq sopraċitat fejn intalbet l-għajnuna tal-Gwardjani Lokali sabiex jassistu t-traffiku. Huwa kompla jgħid, li fl-opinjoni tiegħu din l-attivita' li ssir bi-annwalment għandha tiġi nkluża fil-kalendarju għall-attivitajiet kulturali tal-Kunsill.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel ma' dak li qal il-Viċi-Sindku u li għandna niktbu lill-Kumitat Konġunt sabiex jipprovdi żewġ Gwardjani Lokali mingħajr ħlas biex jassistu t-traffiku,

**2.3.** Paġna Nru: 3 para 3.8. Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Alfred Spiteri (*Location Malta Ltd*) kien ħallas l-ammont ta' €423.40 għall-perjodu ta' sena għall-permess biex jitpoġġa *selling booth* fix-Xatt in-naħa tal-baħar faċċata tal-*115 The Strand*.

**2.4.** Paġna Nru: 6 para 8.1.– Kwotazzjoni *GLC006/2010 – Culvert Cleaning*

Il-Kunsillier Anthony Abela nforma li għalkemm kien sar ħafna xogħol dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi, ma kienx sodisfatt bir-riżultat u għalhekk sar appuntament għat-tieni ġimgħa ta' Novembru 2010, biex jitkompla x-xogħol.

## 3. Korrispondenza

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sa l-4 ta' Novembru 2010 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-granet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Malcolm Mifsud, President Reġjun Ċentru, kien talab biex jattendi flimkien mas-Sur Samuel Herd Segretarju Eżekuttiv Reġjun Ċentru għall-laqgħa (circa 30 minuta) sabiex issir introduzzjoni formali bħala Reġjun pero' l-Kunsill ġie nfurmat, li minħabba mpenn ieħor kien ser jattendi fil-laqgħa li jmiss.

**3.4.** B'referenza għall-Memo 126/2010 – Attivita' b'risq il-*Malta Community Chest Fund* ser issir logħba football bejn il-*Gżira United Football Club* u l-*Gżira United Football Nursery*, il-Ħadd, 21 ta' Novembru 2010, fl-10.00 a.m.

**3.5.** Il-Kunsill iddeċieda li l-*Bring In Sites* ta' ħdejn in-*National Pool* għandhom jitneħħew.

Matul id-diskussjoni li saret, ġie deċiż li titneħħa l-i*skip* li hemm man-naħa tal-ħajt ta' l-*Empire Stadium* u flokha jsir ix-xogħol neċessarju biex jitpoġġew *Bring In Sites* li jkunu iżgħar fid-daqs. Ġie suġġerit li din tiġi *monitored* b'*CCTV*.

**3.6.** Inqrat Ċirkulari AKL 74/2010 – Attivitajiet Sportivi – l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għandha l-ħsieb li twaqqaf *ad hoc Committee* biex ifassal rapport dwar l-organizzazzjoni t'attivitajiet Sportivi mill-AKL.

**3.7.** Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-AKL dwar żball fl-ammonti ta' l-*LES* li ġew trasferiti fil-kontijiet bankarji tal-Kunsilli Lokali rispettivi għall-perjodu Lulju – Settembru 2010. Kopja ta' din l-*e-mail* għandha tingħata lill-Viċi-Sindku bħala rappreżentant ta' dan il-Kunsill fuq il-Kumitat Konġunt kif ukoll, tintbagħat lill-Uffiċjal Awtorizzat, s-Sur David Soler.

**3.8.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela għall-ħlas ta' €36 – *Performance Rights Society* għas-sena 2009 u 2010 u dan skont Ċirkulari AKL 73/2010.

**3.9.** Inqrat Ċirkulari AKL 52/95 – Karta ta' l-Identita' għall-Kunsillieri.

**3.10.** Il-Kunsill ġie nfurmat dwar il-laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex, li ser issir is-Sibt 20 ta' Novembru 2010, fil-lukanda *Corinthia Palace, Attard,* għall-liema laqgħa l-Kunsill irid iħallas €50 għal kull min jattendi. Għaldaqstant, filwaqt li l-Kunsillieri kellhom jinfurmaw bl-attendenza tagħhom, ġiet approvata n-nefqa neċessarja b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Grech.

**3.11.** Il-Kunsill qabel unanimament li l-ittra mibgħuta mill-Avukat Ramona Frendo mid-ditta *Frendo Montebello Advocates* għall- ħlasijiet dwar inċident li seħħ fit-2 ta' Lulju 2010, għandha tintbagħat lill-Avukat tal-Kunsill Dott. E. Woods għall-gwida tiegħu.

**3.12.** Għat-talba mill-Kumitat Festi Esterni – Gżira, ta' għajnuna finanzjarja l-Kunsill qabel unanimament li skont *memo 65/2009* din ma setgħetx tintlaqa'.

**3.13.** Il-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni għat-talba li saret lit-Transport Malta ta' Mary Callus li toqgħod Triq ir-Rebħa u Albert Vassallo li joqgħod Triq San Albert għar-*Reserved Parking.*

**3.14.** Il-Kunsill qabel li t-talba li saret għall-*Alighting/Boarding Bay* fi Triq Parisio lit-*Transport Malta* għandha tintbagħat lill-Kunsill Lokali Sliema minħabba l-fatt, li din it-triq saret tifforma parti mill-ġurisdizzjoni ta' dan il-Kunsill.

**3.15.** Il-Kunsill ma laqax it-talba tas-Sur Frankie Camenzuli sid il-*Kiosk* Mario's Gelateria sabiex jingħata permess bil-miktub mill-Kunsill li dan ta' l-aħħar ma jsib ebda oġġezzjoni li jarma fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa kif ukoll, jingħata timbru mill-Kunsill sabiex japplika għall-provista ta' dawl temporanju biex ma jibqax juża' *generator.*

**3.16.** Tressqet il-pjanta mibgħuta mill-Perit Joe Bugeja dwar is-*Civic Centre* propost fi Triq Guze Miceli.

Matul id-diskussjoni li saret, fejn il-Kunsillieri taw is-suġġerimenti tagħhom, ġie deċiż li ninfurmaw lill-Perit sabiex jibgħat l-estimi għal dan il-proġett kif ukoll, l-*accountant* Antoine Portelli għandu jindika s-sitwazzjoni preżenti dwar il-*loan,* ir-*repayment* tagħha u jħejji rapport finanzjarju dwar l-estimi mressqa mill-Perit.

**3.17. *Tower Crane* fi Triq Moroni**

Il-Kunsill stieden lis-Sur Ivan Stivala, rappreżentant tad-ditta *Stivala Operators Ltd* biex jieħu sehem fid-diskussjoni dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi.

Id-D/Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva l-*full development permit* flimkien ma' *site plan* kif ukoll, r-rakkomandazzjoni tal- Perit sabiex jiġi nstallat *tower crane* fi Triq Moroni. Il-Perit ma jsib ebda oġġezzjoni sakemm il-*parking lots* mmarkati *A B C* fuq il-pjanta jiġu mneħħija temporanjament, minħabba l-fatt, li d-distanza permissibbli kienet ta' 3.0 mtrs filwaqt li l-kuntrattur kien ser iħalli 3.9 mtrs pero' kien ta' massimu mportanza li:

- l-applikant irid ipoġġi t-tabelli kollha neċessarji għal *on coming vehicles*
- l-*area* tat-*tower crane* trid tkun imdawwla speċjalment matul il-lejl
- l-*area* tinżamm nadifa

Ġie diskuss ukoll, it-*traffic management*.

Għall-mistoqsija tal-Viċi-Sindku jekk it-*tower crane* kienx ser jibqa' fi Triq Ponsonby, s-Sur Stivala wieġeb, li dan kien ser jizzarma pero' jerġa' jiġi nstallat fi żmien sena.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman,* ssekondata mill-Viċi-Sindku li jiġi nstallat it-*tower crane* fi Triq Moroni u wara li jizzarma t-*tower crane* fi Triq Ponsonby, titneħħa wkoll l-*platform.*

**3.18.** Id-D/Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Mozzjonijiet Nru: 5 - Nru: 7 – Nru: 8

### 4.1. Mozzjoni Nru: 5

Ġie deċiż mill-proponent il-Kunsillier Ian Micallef u l-Kunsill qabel unanimament miegħu li l-mozzjoni hawn fuq sopraċitata - *Accountant* tal-Kunsill tiġi rrtirata u tinħareġ l-*Expression of Interest – Services of an Accountant,*( ara *appendix* Nru: 1) tintbagħat lid-Dipartiment għalll-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tiegħu u wara li dan ta' l-aħħar jagħti l-konferma, tiegħu, tiġi ppublikata skont il-proċeduri.

### 4.2. Mozzjoni Nru: 7 – *Camera* fix-Xatt tal-Gżira

Wara diskussjoni qasira dwar din il-mozzjoni (ara *appendix* Nru: 2) il-Kunsill qabel unanimament li jiġi nfurmat il-Kumitat Konġunt sabiex din titneħħa. Għalhekk, il-Viċi-Sindku bħala rappreżentant tal-Kunsill fuq il-Kumitat Konġunt kellu jinfurmahom.

### 4.3. Mozzjoni Nru: 8

Wara li ġiet diskussa din il-mozzjoni (ara *appendix* Nru: 3) il-Kunsill qabel unanimament, li din għandha tinqara kif ġej:

' Dan il-Kunsill Lokali invista ta' l-istqarrija magħmula fil-*Budget* Nazzjonali dwar l-iżvilupp ta' l-Isptar Zammit Clapp, iħeġġeġ lill-Gvern sabiex jekk il-fond użat preżenzjalment bħala klinika fil-Gżira ma jistgħax jibqa' jintuża, din tiġi nkorporata fl-iżvilupp ta' l-istess sptar u dana sabiex is-servizz mogħti lill-Komunita' Anzjana tal-Gżira ma jiġix interrot'.

Il-Kunsill qabel unanimament ta' kif ġiet emendata din il-mozzjoni kif ukoll, niktbu lid-Dipartiment rigward id-Dar ta' l-Anzjani.

## 5. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**5.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru: 2015 sa Nru: 2055 (ara *appendix* Nru: 4) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**5.2.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru:2015 sa Nru: 2055 ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela minbarra *Request Sheet* Nru: 2037 *General Ecological Serv. Co. Ltd*.- €2,212.92 minħabba li x-xogħol ma kienx tlesta.

**5.3.** Tressqu tlett kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw tlett *fully adjustable ergonomic armchairs* għall-Uffiċċju Amministrattiv li kienu:

- *C.S.D. Office Trade - €247.80 kull wieħed*
- *Arcidiacono Doall Co. Ltd - €325.50 '' ''*
- *Alfa Company Ltd - €116.60 " "*

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill iddeċieda li għandhom jinġiebu kwotazzjonijiet oħra.

## 6. Diskussjoni dwar l-*audit*, l-*e-mails* skambjati u approvazzjoni tat-*Trial Balances*, *Quarterly Reports*, *Financial Statements* u l-*Cash Budget*

**6.1.** Id-D/Segretarju Eżekuttiv infurmat li r-risposta għall-*Management Letter* kienet intbagħtet fit-12 t'Ottubru 2010, lid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali, *National Audit Office* u lill-Awdituri *Grant Thornton* kif ukoll, il-Kunsill kien irċieva minn *National Audit Office* l-*Audit Report* u l-*Financial Statements period ending 31 December 2009.*

Hi kompliet tgħid, li sa dak inhar tal-laqgħa ma kien sar ebda kuntatt mis-Sur Antoine Portelli.

## 7. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-kwotazzjoni *GLC007/2010 – Christmas Lights*

Għalkemm intbagħtu tlett kwotazzjonijiet dwar is-suġġett hawn fuq msemmi, tnejn biss ssottomettew (ara *appendix* Nru: 5) li kienu:

- Soċjeta' Filarmonika Stella Maris - €2,950 VAT inkluża + €260 għall-kiri ta' żewġ *meters* tad-dawl – total €3,210.00

- Victor Tedesco - €1,800 VAT inkluża + €260 għall-kiri ta' żewġ *meters* tad-dawl – total €2,060

Is-Sotto-Kumitat imwaqqaf waqt laqgħa li saret it-Tlieta 26 t'Ottubru 2010, irrakkomanda lil Victor Tedesco.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li l-kwotazzjoni *GLC007/2010 – Christmas Lights* tintrebaħ min Victor Tedesco għall-ammont ta' €1,800.VAT inkluża kif ukoll l-ammont ta' €260 għall-kiri ta' żewġ *meters* tad-dawl.

**8. Diskussjoni dwar *Tender GLC002/2010 –Mixed Household Waste***

**8.1.** Il-Viċi-Sindku ta rendikont tal-laqgħa li saret fis-26 t'Ottubru 2010 mas-Sotto-Kumitat dwar is-suġġett hawn fuq msemmi. Tnejn ssottomettew li kienu:

- Emmanmuel Mifsud
- *Borg Skip Hire*

Huwa kompla jgħid, li wara li l-Kumitat fela' bir-reqqa l-ispeċifikazzjonijiet u r-rekwiżiti mitluba f'din it-*tender*, kien qed jirrakkomanda lil Emmanuel Mifsud għar-raġunijiet hawn taħt elenkati:

Paġna Nru: 3 – 1.1. Paġna Nru: 3 -1.1. – *Human resources to be dedicated to the contract* – jirriżulta li Emmanuel Mifsud għandu seba' mpjegati filwaqt li *Borg Skip Hire* għandu tnejn

Il-punti mogħtija kienu Emmanuel Mifsud = 15 *Borg Skip Hire* = 5

Paġna Nru: 3 -1.2. – *Ownership of waste collection vehicles to be dedicated to the contract* - Emmanuel Mifsud għandu ħames vetturi reġistrati f'ismu filwaqt li *Borg Skip Hire* għandu żewġ vetturi, waħda reġistrata f'ismu u ġiet notata l-informazzjoni li kien qiegħed fil-proċess li jirriġistra f'ismu t-tieni vettura *MF15 UME with engine model Euro 3*

Il-punti mogħtija kienu Emmanuel Mifsud = 10 *Borg Skip Hire* = 0

Paġna Nru: 3 -2. – *References of successfully completed contracts of similar nature and execution* – filwaqt li Emmanuel Mifsud ilu jipprovdi dan is-servizz l'din il-lokalita' sa mit-twaqqif tal-Kunsill u għalhekk, għandu esperjenza fil-ġbir tad-*Door to Door Collection*, *Skip Borg Hire* ma ssottometta ebda nformazzjoni dwar is-servizz ta' *Door to Door Collection* f'xi lokalita'.

Il-punti mogħtija kienu Emmanuel Mifsud = 20 - *Borg Skip Hire* = 15

In oltre, l-Kunsill jinforma wkoll, li l-punteġġ globali kien, 80% lil Emmanuel Mifsud u 45% lil *Borg Skip Hire* magħula kif ġej:

*1.1.* *Human resources to be dedicated to the Contract*
Emmanuel Mifsud – 15 *Borg Skip Hire* – 5

*1.2.* *Ownership of waste collection vehicles to be dedicated to the contract*
Emmanuel Mifsud – 10 *Borg Skip Hire* – 0

*1.3.* *Date of manufacture of collection vehicle/s*
Emmanuel Mifsud – 10 *Borg Skip Hire* - 0

*2.* *Reference(s) of successfully completed contracts of similar nature and execution*
Emmanuel Mifsud – 20 *Borg Skip Hire* – 15

3. *Number of default notices issued to the bidder on past contracts – the past 36 months only*
Emmanuel Mifsud – 25 *Borg Skip Hire* – 25

Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li din it-*tender* tiġi mirbuħa minn Emmanuel Mifsud skont il-punteġġ mogħti hawn fuq.

**9. Diskussjoni dwar problema Riżorsi Umani**

**9.1.** Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nikkuntattjaw lill-*E.T.C.* minħabba l-fatt, li l-applikazzjonijiet mibgħuta minnhom stess, m'għadhomx validi u għalhekk, nitolbuhom kif nistgħu nipproċedu.

**10. Affarijiet Oħra**

**10.1.** Il-Kunsill ġie nfurmat permezz ta' *e-mail* datata 1 ta' Novembru 2010, li kien hemm suspett li xi ħadd qed jagħmel tentattivi ta' serq mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u r-raġunijiet li waslu għal din il-konklużjoni ngħataw fl-istess *e-mail.* Intbagħat rapport lill-Pulizija bl-*e-mail*, l-Ispettur Jesmond Micallef ġie fuq il-post u talab li r-rapport isir ukoll personalment l-Għassa tas-Sliema.

Matul id-diskussjoni li saret, sar qbil unanimu, li tiġi nstallata *CCTV* u *intruder alarm* għalhekk, tintbagħat *a Security Budgetary Proposal* lid-ditti konċernati li tkun tinkludi :

- *The cost of the recommended holistic solution*
- *The cost of installation*
- *Prices to include 18% VAT*

Din il-*budgetary proposal* għandha tiġi sottomessa sad-19 ta' Novembru 2010, f'*envelope* siġillat kif ukoll, nitolbu biex issir sorveljanza mill-*mobile squad* tal-Pulizija speċjalment is-Sibt.

Din il-mozzjoni tressqet miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef.

**10.2.** Il-Viċi-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu, la darba l-Kunsill għandu ħames ħaddiema, tlieta mibgħuta mill-*ETC,* wieħed mill-*I.P.S.L.* u ieħor mill-Gvern Ċentrali, dawn għandhom jinqassmu f'żewġ gruppi jiġifieri, grupp

minnhom jagħmel xogħol ta' manutenzjoni f'dak li l-Kunsill ikollu bżonn u grupp ieħor jagħmel *refreshing* tal-marki u sinjali tat-toroq.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament ma' dak li qal il-Viċi-Sindku u l-grupp li kien ser jagħmel il-marki u s-sinjali tat-toroq għandu jibda bis-*side streets* u fejn ikun hemm bżonn jintalab is-servizz tal-Gwardjani Lokali kif ukoll, għan-nefqa okkorenti biex isir dan ix-xogħol.

Din il-mozzjoni tressqet miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**10.3.** Iċ-*Chairman* qal, li l-ikla li saret fiċ-Ċentru ta' l-Attivitajiet għal dawk il-persuni li jkunu waħidhom fil-Milied kienet suċċess u għalhekk, kien ser ikellem lis-Sur Dunstan Attard biex flimkien din l-attivita' terġa' tiġi organizzata. Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.4.** Matul id-diskussjoni li saret, fejn il-Viċi-Sindku qal, li s-Sindku ta' Sousse Tunis jixtieq jagħmel ġemellaġġ ma' dan il-Kunsill, ġie deċiż unanimament li invista tal-fatt, li l-Kunsillier Ian Micallef għandu esperjenza f'dan il-qasam, għandu joffri l-għajnuna tiegħu f'dan il-proċess.

**10.5.** Rigward l-attivita' annwali tat-28 ta' Ġunju, ċ-*Chairman* qal, li xtaq li l-Kunsill jorganizza xi *event* ta' ċertu kalibru. Huwa kompla jgħid, li kien iltaqa' mas-Sur Tony Cassar Darian fejn dan qallu li kien wasal iż-żmien li l-Gżira taqleb minn negativ għal pożitiv u semma l-prostituzzjoni u ġab eżempju bi Triq Strada Stretta li tbidlet f'kunċett kulturali.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li kien hemm affarijiet li jistgħu jiġu assoċjati mal-Gżira bħal per eżempju ' Malta fl-imgħoddi fi żmien l-Inglizi' jew 'Il-Gżira bħala bażi navali' u fl-opinjoni tiegħu tkun idejali bħala *item* fuq l-Aġenda.

Iċ-*Chairman* qal, li l-proposta 'Il-Ġżira bħala bażi navali' kienet togħġbu.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.6.** Iċ-*Chairman* qal, li hu kien ser ikun imsiefer bejn it-28 u t-30 ta' Novembru u bejn it-8 u t-13 ta' Diċembru 2010.
Il-Viċi-Sindku nforma li kien ser ikun imsiefer bejn it-28 ta' Novembru u t-12 ta' Diċembru 2010.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li kien ser ikun imsiefer bejn id-9 u l-14 ta' Diċembru 2010.

**11. Laqgħa Oħra**

**11.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra l-laqgħa ntemmet fid-9.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.<br>Sindku | Marion Monaco<br>D/Segretarju Eżekuttiv |

**MOZZJONI Nru.Klg5/05**

**Lill.** **Kunsill Lokali Gżira**

**Mill-** **Kunsillier Ian Micallef**

**Data.** **20 ta' Mejju 2010**

**Ħin.** **5.11 p.m.**

**Dan il-Kunsill Lokali nnota l-korrispondenza mibgħuta kemm mingħand l-Awdituri tal-Kunsill Lokali kif ukoll, mill-Uffiċċju ta' l-Awditur Nazzjonali dwar l-*accounts* tal-Kunsill Lokali Gżira magħmula mill-*accountant* tal-Kunsill Lokali, Antoine Portelli;**

**Innota wkoll, il-proposta magħmula mill-Viċi-Sindku Joe Camilleri u dik magħmula mmedjatament wara, mill-Kunsillier Ian Micallef.**

**Jirrisolvi, li minkejja li l-*accountant* Antoine Portelli ngħata ċans kemm –il darba (minkejja ż-żmien iffissat fil-liġi u l-*memo's* sa meta għandhom ikunu lesti l-*accounts*), naqas milli jagħmel dan fiż-żmien ta' estenzjoni mogħti lilu u għalhekk, poġġa lill-Kunsill Lokali f'pożizzjoni negattiva li skont il-liġi, jista' jkollha effetti serji;**

**Illi jiġi terminat l-inkarigu ta' Antoine Portelli bħala *accountant* tal-Kunsill Lokali b'mod immedjat u dana a bazi ta' l-ineffiċjenza tiegħu kif ukoll, minħaba l-aġir tiegħu fil-konfront tas-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri;**

**Tinħareġ sejħa mmedjata għall-istess inkarigu;**

**Jinżamm il-ħlas mitlub u wara l-ingaġġ ta' l-*accountant* l-ġdid, ssir valutazzjoni bir-reqqa dwar il-pagament li għandu jingħata anke wara li jiġi konsultat l-konsulent legali tal-Kunsill.**

| | | |
|---|---|---|
| **Proponent** | **Ian Micallef** | **Kunsillier** |
| **Sekondant** | **Malcolm Camilleri** | **Kunsillier** |
| | **Victor Rutter** | **Kunsillier** |
| **Laqgħa Nru.** | **27.05.2010** | **K5/** |

**<u>MOZZJONI Nru. Klg5/07</u>**

| | |
|---|---|
| **Lill.** | **Kunsill Lokali Gżira** |
| **Mill-** | **Kunsillier Ian Micallef** |
| **Data.** | **13 October 2010** |
| **Ħin.** | **06.24 p.m.** |

***Camera* fix-Xatt tal-Gżira**

**Illi fix-Xatt tal-Gżira tqiegħdet *camera* mill-Kumitat Konġunt;**

**Illi għalkemm din il-*camera* kellha l-iskop illi tħarrek biss dawk il-vetturi li jikkomettu kontravenzjonijiet bħal *U Turn* u mhux tħarrek dawk li jieqfu biex jixtru mill-ħwienet li hemm ix-Xatt;**

**illi meta titwaħħal *camera* għall-infurzar ma tistgħax tagħmel distizzjoni man-nies x'qed jiġi infurzat b'dik il-*camera*;**

**U għax ma tistgħax tagħmel dik id-distizzjoni, s-sewwieqa jippreferu li jibqgħu jsuqu biex ma jispiċċawx f'xi inkwiet jew kontravenzjoni;**

**Jirriżulta għalhekk, illi dik il-*camera* kellha effett negattiv fuq il-bejgħ tal-ħwienet fiż-żona u għalhekk għandu jkun hemm tibdil fil-politika billi titneħħa u jekk hemm il-ħtieġa li ma jkunx hemm *U Turns*, tinstab soluzzjoni oħra li zzomm milli tkompli ssir din il-prattika mingħajr ma tkun waħda ta' infurzar u għalhekk ta' detriment għax-xogħol fil-lokalita'**

| | | |
|---|---|---|
| **Proponent** | **Ian Micallef** | **Kunsillier** |
| **Sekondant** | **Malcolm Camilleri** | **Kunsillier** |
| | **Victor Rutter** | **Kunsillier** |
| **Laqgħa Nru.** | **04.11.10** | **Klg5/** |

**MOZZJONI Nru. Klg5/08**

| | |
|---|---|
| **Lill.** | **Kunsill Lokali Gżira** |
| **Mill-** | **Viċi-Sindku Joe Camilleri** |
| **Data.** | **25 t' Ottubru 2010** |
| **Ħin.** | **11.00 a.m.** |

**Dan il-Kunsill Lokali invista ta' l-istqarrija magħmula fil-*Budget* Nazzjonali dwar l-iżvilupp ta' Sptar Zammit Clapp iħeġġeġ lill-Gvern sabiex jekk il-fond użat preżenzjalment bħala klinika fil-Gżira ma jistax jibqa' jintuża, din tiġi nkorporata fi żvilupp ta' l-istess Sptar u dan sabiex is-servizz mogħti lill-Komunita' Anzjana tal-Gżira ma jiġix interrot.**

| | | |
|---|---|---|
| **Proponent** | **Joe Camilleri** | **Viċi-Sindku** |
| **Sekondant** | **Anthony Abela** | **Kunsillier** |
| **Laqgħa Nru.** | **04.11.2010** | **Klg5/49** |

Gżira Local Council

**Ref No: K263/119/10**

**4 November 2010 KLG5/48**

| R/Sheet No: | Description | € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 2015 | Gżira United Football Club re contract Training Ground 01.09.2010 – 31.08.2011 | 8,000 | 6737 |
| 2016 | Alfa Co. Ltd. Inv Nos: 65711/65712 Rentals 13.08.10 - 12.09.10 & 01.09.19 – 30.09.10 | 144.19 | 6831 |
| 2017 | G4S Security Serv. (Malta) Ltd. Inv GS001006 CIT 4 Trips – September 2010 | 30.44 | 6832 |
| 2018 | Koperattiva Tabelli u Sinjali Inv. 13771 Job No:10176 Road Markings | 182.91 | 6824 |
| 2019 | ARMS Ltd inv.12667885 Gżira Gardens 25.11.09 - 18.05.2010 | 1,620.94 | 6833 |
| 2020 | ARMS Ltd inv.12697539 Activities Centre 07.03.10 16.08.2010 | 95.85 | 6834 |
| 2021 | Maltapost plc Distribution of skart leaflets as per quotation dtd 28.09.2010 | 119.25 | 6729 |
| 2022 | MITA inv No: SIN023832 Main & Supp connectivity from Oct to Dec 2010 | 416.85 | 6835 |
| 2023 | MITA Inv No: SIN023892 e-mail accounts of six Councillors | 29.88 | 6836 |
| 2024 | The Toolbox inv Nos: 9214 & 9759 | 86.29 | 6859 |
| 2025 | TACC Trading Co. Ltd inv.878 – Office Ashtray | 16.50 | 6838 |
| 2026 | Data Protection Commissioner July 2010 – July 2011 | 23.29 | 6839 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2027 | C.S.D. office Trade Inv. 32149-32335-32384 Stationery | 104.50 | 6840 |
| 2028 | D.O.I. adv Gov Gazz. Quote GLC007/2010 Christmas Lights | 9.32 | 6731 |
| 2029 | GO plc inv.24478816 Tel No: 21341616 Calls Sept. Rent October 2010 | 23.42 | 6788 |
| 2030 | GO plc inv.24478806 tel No: 21334254/21341034 Calls Sept. Rent October 2010 | 68.63 | 6789 |
| 2031 | GO plc inv.24479473 tel No: 21322157 Calls Sept. Rent October 2010 | 35.84 | 6790 |
| 2032 | Melita plc inv.29459214 Hello Service Tel 27013021 08.10.2010 – 07.11.2010 | 293.79 | 6791 |
| 2033 | Union Print Ltd inv No: P1001832 printing of 3,500 football ground brochure | 792.75 | 6841 |
| 2034 | Squire Bookshop inv 08522 Newspapers for the 45.30 month of October 2010 | 6842 | |
| 2035 | Best Wishes inv.2397725 stationery | 29.08 | 6843 |
| 2036 | Env. L/Scapes Cons. Ltd. Inv.006631 maintenance of soft areas for the month of October 2010 | 2,212.92 | 6844 |
| 2037 | General Ecological Serv. Co. Ltd. Invoice No: 0197 Cleaning of Water Culverts on 13.10.10 & 14.10.10 | 2,146.28 | 6982 |
| 2038 | Alfa Co. Ltd. Invoice No: 66706 Eco Tax | 5.50 | 6845 |
| 2039 | Mr. Joe Borg inv.18 Spejjeż papri October 2010 | 46.59 | 6799 |
| 2040 | Ms Alexandra Galea Inv.12 Crafts lessond for the month of October 2010 | 375.00 | 6792 |
| 2041 | Mr. Emm. Mifsud inv.No: 50 Door to Door collection October 2010 | 5,590.50 | 6800 |
| 2042 | Mr. Emm. Mifsud inv. No: 51 Hire of Skips for the month of October 2010 | 432.87 | 6801 |
| 2043 | Mr. Emm. Mifsud inv. No: 52 Public Convenience for the month of October 2010 | 836.06 | 6802 |
| 2044 | Mr. Emm. Mifsud inv. No: 53 Bulky Service for the Month of Sept. 2010 – 141 Calls | 771.84 | 6803 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2045 | Meli Bookshop Inv. Dated 2 November 2010-11-04 books for Public Library | 82.00 | 6794 |
| 2046 | S.Rausi Trading Ltd. Inv. Nos:21076233/91002438 pt attivita 01.10.2010 & Drinking Water | 30.98 | 6846 |
| 2047 | Koperattiva Tabelli u Sinjali inv.13739 job no: 8582A Traffic Signs | 76.30 | 6823 |
| 2048 | Environmental L/Scapes Cons Ltd. Invoice 006554 Maint of Soft Areas for the month of Sept. 2010 | 2,212.92 | 6847 |
| 2049 | Melita plc inv.29310926 – 01.09.2010 – 31.10.2010 | 23.30 | 6730 |
| 2050 | SRF Cleaning Services inv. 10/1643 Street Sweeping on Sundays for the month of September 2010 | 378.52 | 6848 |
| 2051 | SRF Cleaning Services inv.10/1644 Street Sweeping grass cutting & Mech Sweeper – September 2010 | 4,627.29 | 6849 |
| 2052 | WasteServ Malta Ltd. Inv.000203 – allocated msw waste June 2010 – 172.22 Tonnes | 1790.19 | 6850 |
| 2053 | WasteServ Malta Ltd. Inv.000204 – allocated msw waste July 2010 – 172.22 Tonnes | 1790.19 | 6851 |
| 2054 | WasteServ Malta Ltd inv.000205 – allocated msw waste August 2010 – 172.22 Tonnes | 1790.19 | 6852 |
| 2055 | WasteServ Malta Ltd inv.000206 – allocated msw waste Septmber 2010 – 172.22 Tonnes | 1790.19 | 6853 |

Ref Nru: K260/10

26 t'Ottubru 2010

**Minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 26 t'Ottubru 2010, fis-1.00 p.m.**
**fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Gżira**

**Preżenti:**

Il-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela, Victor Rutter flimkien mad-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco kif ukoll, s-Sur Victor Tedesco u s-Sur Luke Vella għan-nom tas-Soċjeta' Filarmonika Stella Maris.

**Materja Diskussa**

**Kwotazzjoni Nru: *GLC007/2010 – Christmas Lights***

Għalkemm intbagħtu tlett kwotazzjonijiet:

- *Environmental Landscapes Consortium Ltd*
- Soċjeta' Filarmonika Stella Maris
- Victor Tedesco

Tnejn biss ssottomettew li kienu

- Soċjeta' Filarmonika Stella Maris - €2,950 VAT inkluża + €260 għall-kiri ta' 2 meters – total: €3,210.00
- Victor Tedesco - €1,800 VAT inkluża + €260 għall-kiri ta' 2 meters = total €2,060

Matul id-diskussjoni li saret, fejn fost affarijiet oħra, ċ-*Chairman* staqsa lis-Sur Victor Tedesco x'kienet ir-raġuni l-għala s-sottomissjoni tiegħu kienet €1,000 anqas minn dik li kien ssottometta s-sena ta' qabel u jekk kienx ha nkonsiderazzjoni ż-żewġ pjazzez u Triq San Albert ħdejn l-*Activities Centre*..

Victor Tedesco wieġeb li hekk ħass li kellu jagħmel u li ma kienitx l-ewwel darba li l-Kunsill kien talab is-servizz tiegħu biex jizzejnu uħud mit-toroq tal-lokalita' matul il-festi tal-Milied.

Wara din id-diskussjoni, l-Kumitat irrakkomanda l-kwotazzjoni tas-Sur Victor Tedesco sabiex din titressaq għad-diskussjoni u approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss kif ukoll ġie deċiż li d-dwal għandhom jinxtelu mill-10 ta' Diċembru 2010 sa l-10 ta' Jannar 2011.

Il-laqgħa ntemmet fis-1.20 p.m.

Marion Monaco
D/Segretarju Eżekuttiv